# L-Ilma jasal Raħal Ġdid



**Dr Simon Mercieca**

B.A., B.A.(Hons), M.A.,D.E.A.(Sorb.), Ph.D.(Sorb.)
Imwieled Raħal Ġdid, Senior Lecturer fl-Università ta' Malta fil-Fakulta tal-Arti u l-Istorja

Meta kont qed nistudja għad-dottorat tiegħi ġewwa s-Sorbona f'Pariġi, kont immur nagħmel riċerka fil-Bibljoteka Nazzjonali li hemm f'din il-belt. Hemm sibt mappa tal-port il-kbir bl-inħawi ta' madwar, xogħol ta' arkitett minn Catania, Sebastiano Ittar.

Minn kien dan Sebastiano Ittar? Sebastiano Ittar hu t-tifel ta' arkitett ieħor Stefano Ittar (1740-1798). Għalina l-Maltin, huwa importanti għaliex kien ġie Malta ma' missieru, Stefano, u ħadem mill-1784 sa' 1790 fuq il-bini tal-Bibljoteka Nazzjonali għall-Kavalieri ta' San Ġwann. Wara l-mewt ta' missieru mar ma' ħuh Benedetto f'Ruma. Dam Ruma bejn 1790 u 1799. Meta Ruma ttieħdet mit-Truppi Franċiżi ta' Napuljun Bonaparte, hu ta support lill-Repubblika Franċiża. Il-mappa tal-port li hu kien għamel meta kien Malta fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann narawha tkun elaborata. Mhux eskluż li hu kien ġie f'pajjiżna mat-truppi Franċiżi u ngħata l-inkarigu li jirrevedi din l-istess pjanta tal-port u l-inħawi ta' madwar. Żgur li l-pjanta tiegħu kienet servit lil militar Franċiż fl-okkupazzjoni tal-gżira.

Sebastiano kellu fih kemm it-tradizzjoni u l-istudju li familja ta' ġeometri u periti biss setgħet tagħtik f'dik il-ħabta. Bħal missieru, Stefano, hu sar arkitett. Iżda kellu daqqa tajba. Kien jaf ipinġi tajjeb. Dan kien jagħmel minnu *surveyor* tajjeb, okkupazzjoni, li l-militar ta' dik il-ħabta kien ifittex daqs il-ħobż. Għalhekk jidher li kien ġie mal-Franċiżi f'Malta. Nafu li Napuljun Bonaparte ħa miegħu *surveyors* l-Eġittu.

Dak li hu importanti għalina hu li Sebastiano għamel *survey map* verament tajba, mimlija dettalji. F'din is-*survey map* ġie nkluż Raħal Ġdid. Mela din il-mappa kienet saret minn Sebastiano Ittar u kien ġie f'Raħal Ġdid ikejjel mal-assistenti tiegħu biex jibni mappa mimlija dettalji. B'hekk tana pjanta mprezzabbli ta' Raħal Ġdid. Għamel xogħol metikoluż. Tana dettalji interessantissimi, saħanistra kien fidil lejn kif kienet imqassma l-art agrikola f'dik il-ħabta. Kull ħadma tal-art differenti kienet turi propjetarju differenti tal-art. Fi kliem ieħor għandna ritratt ta' kif kien Raħal Ġdid lejn l-aħħar tas-seklu tmintax.

Iċ-ċentru kien fil-parti li mill-pjazza tinżel l-isfel, iddur mal-knisja ta' Santa Ubaldeska. Jagħti aktar l-isfel, il-post fejn illum hu magħruf bħala tal-Lourdes iżda li l-antenati tagħna kienu jafu bħala l-Marsa. Il-bini f'Raħal Ġdid kien jestendi f'dik il-ħabta lejn it-Tramuntana sa fejn illum hemm il-ħabs u lejn in-nofsinhar sa Triq Sammat. Quddiem Triq Sammat kien kampanja. Kien hemm dar f'din it-triq li kellha fiha l-arma tal-Gran Mastru De Paole. Ta' tifel, niftakarni joħduna tal-iskola primarja biex naraw din l-arma ta' De Paole. Kien hemm sens ċiviku fl-edukazzjoni biex nitilgħu nħobbu lil raħal twelidna. Id-djar ta' Triq Sammat kienu idjaq. Dan għaliex din l-arma, li fi żmien Sebastiano Ittar kienet fuq il-faċċata, illum tinsab fuq ġewwa tad-dar. Dan ifisser li meta beda jikber Raħal Ġdid, il-*lining* tat-triq inbidel u b'hekk id-djar ta' Triq Sammat kibru billi ħadu biċċa mit-triq u l-faċċati tagħhom spiċċaw fuq ġewwa.

Ittar jagħtina t-toroq prinċipali li kellu dan ir-raħal. Triq minnhom kienet tagħti għal Belt. Parti minnha għadha teżisti u ġġib l-istess isem. Kien hemm triq oħra li twassal għal Ħal Tarxien u Ħaż-Żabbar. Din kienet tgħaddi minn fejn illum hemm *Church Avenue*, iżda ma kinitx dritta iżda sserrep qalb ir-raba'. It-toroq prinċipali bħal *Tarxien Road*, jew Żabbar Road ma kienux jeżistu. Lanqas Luqa Road jew *Palm Street* ma kienu hemm. Il-post kien raba. Min-naħa l-oħra, Triq ta' Bormla tidher sew. Imbagħad kien hemm żewġ toroq oħra, quddiem il-palazz ta' Moroni Viani. Dawn spiċċaw meta fil-post fejn kienu huma twaqqaf il-ħabs ċivili ta' Kordin. Dawn it-toroq kienu jibqgħu sejrin lejn Kordin, għall-palazz tal-Gran Mastru. Il-Palazz ta' Moroni Viani kien iċken milli hu llum. Fuq kollox, tidher l-art agrikola li fuqha ġiet mibnija l-knisja parrokkjali li hemm illum. Jekk wieħed jistudja din il-mappa, jifhem għala l-knisja nbniet kif inbniet, jiġifieri fejn illum hemm il-pjazza u l-post fejn hemm il-knisja kienu biċċiet ta' raba differenti għaliex Ittar jurihom ċar li huma maħduma minn sidien differenti. Il-Każin tal-Banda De Paola jidher sew u miegħu tidher l-arkata li kien hemm

Fi żmien li Malta waqgħet f'idejn l-Ingliżi, Ittar insibuh Ruma u hemm għamel ħbieb fost l-oħrajn ma' Lord Elgen, l-Ambaxxatur Ingliż għal Konstantinopli. Elgen qabbad lil Ittar biex ikun parti mill-ispedizzjoni li Elgen għamel fil-Greċja. Bejn l-1800-1803, kien ma' Elgen f'Ateni, jgħinu jieħu fdalijiet Griegi minn fuq l-Akropolis. Wara fl-1804, mar lura Catania, u bejn 1806 u 1832 kien jaħdem fuq monumenti u pjanti urbani. Kompla jaħdem fuq l-iżvilupp urban ta' Catania sakemm miet fl-1837.

Fuq kollox din il-mappa hija interessanti għaliex tirrifletti dak li kien kiteb Fortunato Panzavecchia edukatur magħruf tas-seklu dsatax. Hu kien jiġi f'dawn l-inħawi ta' Raħal Ġdid mill-Isla għall-kaċċa. Kien jiġi mal-patrijotta magħruf, Giorgio Mitrovich. Illum ftit jassoċċjaw Raħal Ġdid mal-kaċċa. Anki jekk fdalijiet ta' dan id-delizzju għadhom għaliex jien stess niftakar, il-kaċċa lejn Għajn Dwieli u lejn l-inħawi taċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Skont Herbert Ganado, Raħal Ġdid kellu ilma tajjeb ħafna. Id-djar il-qodma li kien hemm f'dan ir-raħal inbnew fuq ir-regolamenti użati mill-awtoritajiet tal-Ordni dwar il-bini ta' propjetà. Barra d-disinn mal-kantuniera, li f'ċertu partijiet għadhom jeżistu, dawn id-djar kellhom il-bjar fihom. X'uhud mid-djar kienu wkoll magħrufa għall-ilma tajjeb li kellhom maħżun fihom. Waħda minn dawn id-djar kbar u nobbli, li għadha teżisti u li kienet mitqiesha li kellha verament ilma tajjeb, kien il-palazz tat-Testaferrata Moroni-Viani. Ganado jirrakkonta dwar meta, ta' tifel, kien imur man-nanna tiegħu f'dan il-palazz. Qed nitkellmu fuq Raħal Ġdid ta' żmien l-Ewwel Ġwerra. Nanntu kienet tiġi mit-Testaferrajiet. Hija kienet Testaferrata. Ganado jikteb hekk:

"Ġieli morna għand is-Sinjura Testaferrata Moroni Viani fid-dar ta' Casal Paola quddiem il-Ħabs, kbira daqs palazzo, bil-bitħa enormi u l-ġnien sabiħ. Għandi niftakar lil dik is-sinjura tixrob tazza wara l-oħra tal-ilma tal-bir tagħha li kienet tgħid, li kellu ilma li ma tafx tajjeb daqsu. U kellha raġun. Jien li l-ilma mmut għalih kont dejjem nitlobha tazza ilma mill-bir tagħha u kienet tieħu gost li nitlobielha. Fl-imgħoddi kull min jibni dar kien ikollu jħaffer il-bir. U kienet ħaġa f'waqtha". (Ganado. p. 157)

Matul is-seklu dsatax, Paola tibda tikber bilmod bin-nies. Il-preżenza tan-nies tfisser il-bżonn tal-ilma. Raħal Ġdid ikun wieħed mill-postijiet fejn l-Ingliżi bnew l-għejjun pubbliċi. Kien il-Gvernatur Bouverie li ħaseb biex iwassal ilma f'ħafna postijiet f'Malta, fosthom f'Ħal Tarxien u Raħal Ġdid biex minn hemm jilħaq lit-Tliet Ibliet. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'akwadotti taħt l-art li jitlaq mill-Fawwara.[1] Il-Gvernatur Bouverie qabbad lill-Kmandant tal-Inġiniera biex jagħmel *survey* tal-linji li permezz tagħhom l-ilma seta' jitwassal sal-Kottonera.

Winston Zammit ħadem fuq dan il-perjodu u jgħidilna li meta tlestew l-istimi tal-Gvern, dan għaddihom lis-Sur Vincent Casolani, li kien jokkupa l-post ta' kollettur tal-kera tal-Artijiet

tal-Gvern u mix-xogħlijiet pubbliċi. L-istimi ġew eżaminati mis-Sur Arrowsmith. Kif is-Sur Arrowsmith qabel mal-istimi, is-Sur Casolani għadda d-dokumenti kollha lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern ħalli l-proġett jiġi approvat l-ewwel mill-Kunsill tal-Gvern u wara mill-Gvern Ingliż f'Londra.[2]

B'hekk kif il-Kunsill tal-Gvern approva dawn l-istimi, il-Gvernatur Henry Bouverie kiteb lis-Segretarju tal-Istat, Lord Stanley ġewwa Londra biex jagħtih il-permess ħalli jkun jista' jagħmel dan il-proġett.

Kien żmien fejn il-Gvern kien jagħmel biss proġetti jekk ikollu surplus finanzjarju ta' flus li kien jiġbor mit-taxxi indiretti fuq il-konsum, primarjament tal-ħobż u tal-ġwiż. Ma kienx għadu ż-żmien li gvernijiet jiddejnu biex jagħmlu l-proġetti infrastrutturali. Il-Gvernatur informa lil Lord Stanley li kellu fuq ir-riħ, is-somma ta' £12,456 u għalhekk seta jagħmel ix-xogħol propost li kien jikkonsisti fil-

"*Construction of an aqueduct to convey to the Three Cities through a course of nine miles the water from springs issuing at the height of 530 feet above the level of the sea from the hills called Fawwara. For this work various professional surveys have been made. One selected as the cheapest with regard to both original outlay and permanent maintenance is the line surveyed by Major Piper and Lt Mann. Estimate drawn up £6,500 plus £ 910. 3s 4d for the purchase of landed property on which one of the springs rises the acquisition of which is absolutely necessary.*"[3]

Fl-aħħar tad-dispatch, il-Gvernatur informa lil Lord Stanley li ma kienx neċessarju li x-xogħol jinbeda qabel il-Gvern Ingliż jagħti l-kunsens tiegħu, iżda kien meħtieġ is-somma ta' £916. 13s 4d tintuża malajr biex tinxtara l-art meħtieġa msemmija.[4] Permezz ta' dispatch bid-data 29 ta' Lulju 1843, Lord Stanley informa lill-Gvernatur li l-Gvern Ingliż kien ta l-kunsens tiegħu għall-proġett tal-akwadott.[5] B'hekk fost l-art li nxtrat kien hemm dik li eventwalment kienet ser tkun il-pjazza ta' Raħal Ġdid li għandna llum. Jien niftakar ix-xjuħ jitkellmu fuq il-ġibjun kbir li hemm taħt il-pjazza. Kienu jgħidu li għamluh il-kavallieri. Iżda sar mill-Inġliżi. Kif turi tajjeb il-mappa ta' Ittar, hekk kif kien jispiċċa l-bini tal-Ordni, quddiemu kien hemm għelieqi li qed jinħadmu.

Hekk kif waslet ir-risposta, seta' jinbeda x-xogħol. Minnufih, is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern nhar is-16 ta' Awwissu 1843 kiteb lil Vincent Casolani u qallu biex jieħu l-miżuri neċessarji biex jibda l-kostruzzjoni ta' dan l-akkwadott.[6] Dan kien ifisser li tqabbdu l-kuntratturi li kienu ser jaħdmu fuq dan il-proġett. Ix-xogħol inbeda fit-3 ta' Jannar 1844 u tlesta fi tmintax-il xahar u erbat ijiem. F'Raħal Ġdid ma damux ma waslu l-ħaddiema li bdew ix-xogħol ħalli jibnu l-għejjuni tal-ilma, li kellhom iservu ta' riserva. B'hekk ġie kkreat ġibjun kbir, li n-nies raw il-kobor tiegħu fit-Tieni Gwerra, meta infetaħ waqt *Air-Raid*, f'April tal-1942. Kien għaddej persuna bir-rota, ċertu Gugliermo Polidano. Kien filgħaxija, waqa' fih bir-rota b'kollox u għereq.

Ix-xogħol tlesta fi żmien il-Gvernatur ta' wara, Patrick Stuart, fl-1845. L-akwadott mill-Fawwara sa Bormla kien ta' 9 mili jew 15,840 jarda. Il-bini ta' dan l-akwedott ipprovda mpjieġ għal numru sabiħ ta' ħaddiema. Kien hemm mat-300 ruħ jaħdmu fuq il-bini tiegħu. Fis-7 ta' Lulju 1845, l-ilma twassal f'Bormla, fost il-ferħ kbir tal-popolazzjoni.[7]

Wara l-wasla tal-ilma f'Bormla, fid-19 ta' Diċembru 1845, bdew jitqiegħdu l-kanen tal-ħadid fit-toroq tal-Kottonera, sabiex l-ilma jitwassal fl-ibliet kollha.[8] Ħasbu wkoll biex jagħmlu xi funtani biex in-nies jieħdu l-ilma minnhom. Dawn tlestew f'April 1846, u ġew inawgurati nhar it-22 t'April 1846 fil-preżenza tal-Gvernatur Sir Patrick Stuart.[9]

Twaqqfet funtana f'Raħal Ġdid. Kienet inġiebet il-funtana mill-palazz abbandunat tal-Gran Mastru De Paole li kienet tinsab fuq Kordin u tqegħdet fil-parti ta' isfel tal-pjazza. Illum din



il-funtana tinsab ġewwa Kastilja. Mhux kull oġġett storiku li hemm fil-belt kien oriġinarjament jappartjeni għal belt kapitali tagħna.

Dan ir-ritratt juri fil-*background*, jew fuq wara tiegħu, il-funtana li kienet inġibet mill-Palazz tal-Gran Mastru De Paole f'Kordin biex tfakkar il-wassla tal-Ilma f'Raħal Ġdid. Illum tinsab fil-bitħa ta' Kastilja. Wieħed jista jara l-każin tal-Hibs, li għandu bil-bini qadim li Ittar jagħti fil-pjanta tiegħu. Tidher ukoll il-parti ta' Triq Sultana ġa mibnija. Dan il-bini qatal-kontinwazzjoni tat-triq li tgħaqqada ma' Triq Tal-Borġ. Din il-gabbana li tidher f'dan ir-ritratt m'għadhiex teżisti. Kien hemm żewġ gabbani, waħda isfel li tidher fir-ritratt u waħda aktar 'il fuq, eżattament bejn il-ħanut tan-nannu tiegħi (illum hemm ħanut tal-ħwejjeġ) u fejn illum hemm il-każin Nazzjonalista, jiġifieri fin-nofs fuq il-bankina. Dawn kienu tal-istess propjetarju, jiġifieri tal-familja Galea. Kienet familja minn Bormla li niżżlet toqgħod Raħal Ġdid. Kienet magħrufa bħala tar-Rina u f'Bormla kienu bil-ħelu. Dawn iż-żewġ Gabbani kien għamilhom Leli Galea, il-propjetarju stess, li kien mastrudaxxa tajjeb ħafna. Dawn il-gabbani kienu tneħħew u minflokhom saret waħda kbira f'nofs il-pjazza li għadha hemm sal-lum.

Il-mappa ta' Ittar turina eżattament kemm kien kbir dan il-palazz tal-Gran Mastru f'Raħal Ġdid. Kien ħafna ikbar minn dak ta' San Anton, u t-toroq fil-ġonna tiegħu, illum iservu ta' uħud mit-toroq li hemm Kordin. Dan kellu belvedere li kont tasal għaliha minn passaġġ twil, li jitlaq mill-Palazz u jasal sa fuq l-irdum ta' Kordin. Fit-tarf kien hemm speċi ta' rotunda, u fin-nofs il-funtana li semmejt aktar 'il fuq.

Il-preżenza tal-ilma tibda tiġbed nies distinti lejn dan ir-Raħal. Dan kien ifisser li r-raħal beda jikber u miegħu bdew jinbnew djar. Djar b'ġonon kbar bdew jitwaqqgħu u minflokhom bdew jinbnew numru ta' djar iżgħar. Xi toroq ukoll spiċċaw jinbnew. Hekk pereżempju, Triq Sultana, kienet tasal sa nofs il-pjazza. Ġara iżda li meta tkabbar il-palazz ta' Moroni Viani, parti mit-triq ittieħed minnu waqt li parti oħra nbniet. L-istess ġralha triq it-Tramuntana. Din kienet taqsam Raħal Ġdid, jiġifieri kienet tibda minn Triq Sammat u tasal sa Triq il-Belt Valletta. It-truf tagħha llum huma mibnija.

Mal-ilma ikun hemm ukoll il-bini ta' ħabs ċivili. Iżda dan hu suġġett apparti. Żgur li l-issue tal-ilma tkompli fis-snin ta' wara. Kien għall-ħabta ta' 1858 meta t-tabib Nikola Zammit issuġġerixxa li jibda jittella' l-ilma li kien hemm b'mod naturali maħżun taħt l-art. Kienet tħaffret spira fil-post magħruf bħala l-Armier fil-Marsa. Dan beda jittella' permezz ta' pompa u l-ilma kien jitwassal il-belt Valletta.[10] Dak li inqas hu magħruf li Nikola Zammit għamel xi żmien jgħix fostna. Iżda dwar dan nitkellmu f'ħarġa oħra.

**Referenzi**


[1] Hebert Ganaod, Rajt Malta Tinbidel, vol. iv, p. 318.
[2] A.N.M. C.S.G 04/18 letter to Collector of Land Revenue 8.1.1843
[3] A.N.M. Despatches from Gov 02/1 vol 39 No 8, 29.VII.1843 p.64.
[4] A.N.M. Despatches Out Gov 01 2/21., No 33, 28.IV.1843.
[5] A.N.M. Despatches from Gov 12/1 vol 39, No 8, 29.VII.1843.
[6] A.N.M. CSG 04/18 letter to Collector of Land Revenue 16.VIII.1843 pp. 316, 317.
[7] Il Mediterraneo 23-VII.1848.
[8] Ibid. 24.XII.1845.
[9] A.N.M. C.S.G. 04/19 letter to the Collector of Land Revenue 21.
[10] Ganado, vol, iv, p. 318